MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2011

Citazzjoni Numru. 950/2010

**Av. Peter Fenech bhala mandatarju specjali tas-socjeta estera Nokia Corporation, tas-socjeta estera Sony Corporation u tas-socjeta estera Sony Ericsson Mobile Communications AB.**

**vs.**

**Dr. Noel Bartolo u l-P.L. Marie Claire Mifsud Bartolo li b’digriet tal-14 ta’ Dicembru 2010 gew nominati bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti kunsinjatarju SARL. DAK IMP-EXP.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat tal-Avukat Peter Fenech bhala mandatarju specjali tas-socjetajiet esteri Nokia

Corporation, Sony Corporation u Sony Ericsson Mobile Communications AB datat 22 ta' Settembru 2010 a fol. 1 tal-process fejn l-istess Avukat Dr. Peter Fenech bil-karta tal-identita' numru 67468M bil-gurament tieghu jiddikjara li huwa jaf is-segwenti fatti personalment u espona: -

Illi l-esponenti gie mahtur mandatarju tas-socjeta` estera Nokia Corporation ta' Keilalahdentie 4, 02150 Espoo, Finland, tas-socjeta` estera Sony Corporation ta' 1-7-1, Konan Minato-Ku, Tokyo, 108-0075, Japan, u ta' Sony Ericsson Mobile Communications AB ta' NYA Vattentornet SE-221 88 Lund, Sweden sabiex jirrapprezenta l-azzjonijiet gudizzjarji necessarji sabiex jigu protetti l-interessi taghhom.

Illi s-socjeta` rikorrenti Nokia Corporation hija l-proprjetarja tad-drittijiet registrati mal-Ufficcju tal-Proprjeta` Industrijali ta' Malta msejha 'NOKIA', liema drittijiet gew registrati f'Malta fit-tmintax (18) ta' Ottubru elfejn u wiehed (2001), u moghtija n-numru ta' registrazzjoni 33323 u 33324 (Dok "SG 1" u "SG 2").

Illi s-socjeta` rikorrenti Sony Corporation hija l-proprjetarja tad-drittijiet registrati bhala *Community Trademarks* u *Community Designs,* mal-*Office for Harmonization in the Internal Market* tal-Unjoni Ewropea: il-kelma 'SONY', liema dritt gie registrat fis-sbatax (17) ta' Awwissu 2007 u moghti n-numru ta' registrazzjoni CTM 005416243 (Dok "SG 3").

Illi s-socjeta` rikorrenti Sony Ericsson Mobile Communications AB hija l-proprjetarja tad-drittijiet registrati bhala *Community Trademarks* u *Community Designs,* mal-*Office for Harmonization in the Internal Market* tal-Unjoni Ewropea: l-kelma ERICSSON liema dritt gie registrat l-ewwel darba fil- 13 ta' Jannar 2000 u moghti n-numru ta' registrazzjoni 001459130 (Dok "SG 4") mis-socjeta` estera Telefonaktiebolaget L M Ericsson u li awtorizzat lis-socjeta` attrici Sony Ericsson Mobile Communications AB sabiex tipprocedi kontra kull vjolazzjoni tad-dritt ta' proprjeta intelletwali skont l-affidavit

datat 14 ta’ Novembru 2006 u l-consent form datata 24 ta’ Settembru 2009 (Dok “SG 5”).

Illi fit-tlieta u ghoxrin (23) ta’ Awwissu tas-sena elfejn u ghaxra (2010) r-rikorrenti *nomine* gie nfurmat mill-Kontrollur tad-Dwana illi waqt l-iskrutinji tieghu gewwa l-Port Hieles, Marsaxlokk, Malta, huwa kien issosspenda r-rilaxx tal-*container* bin-numru HCIU 8023684 li dahal gewwa l-Port Hieles fit-18 ta’ Awwissu 2010 fuq il-vapur ex ER SEOUL liema *container* kien fih: (a) sebat elef mitejn u hamsin (7,250) accessorju tal-*mobiles* li kienu jinkludu *chargers* u *headsets* kollha bil-marka ‘NOKIA’ anke fuq l-istess ippakkeggjar tal-accessorji tal-*mobiles*; (b)  tliet elef u sitt mija (3600) *camera cases* kollha bil-marka ‘SONY’; u (c) erbat elef seba’ mija u hamsin (4,750) *mobile phone chargers* kollha bil-kelma ERICSSON (Dok SG6), u li *prima facie* dehru lill-Kontrollur tad-Dwana li dawn jikkontravjenu dritt ta’ proprjeta` intelletwali.

Illi mill-kampjuni li ttiehdu mir-rikorrenti *nomine* jirrizulta li dawn l-accessoriji tal-*mobile phone* u l-*camera cases* mizmuma taht l-awtorita` tal-Kontrollur tad-Dwana huma fil-fatt kontraffazzjonijiet ghar-raguni li: (a) c-*chargers* u l-*headsets* NOKIA, fihom il-kelma NOKIA u kienu gew manifatturati u esportati minghajr l-awtorizzazzjoni ta’ Nokia Corporation, u ghalhekk jikkontravvjenu d-drittijiet ta’ propjeta` intelletwali ta’ Nokia Corporation u r-rapport tal-istess ser jigi esebit fil-mori tal-kawza; (b) il-*camera cases* SONY fihom il-kelma SONY u kienu gew manifatturati u esportati minghajr l-awtorizzazzjoni ta’ Sony Corporation, u ghalhekk jikkontravvjenu d-drittijiet ta’ propjeta intelletwali ta’ Sony Corporation u r-rapport tal-istess ser jigi esebit fil-mori tal-kawza;   u (c) c-*chargers* Sony Ericsson, fihom il-kelma ERICSSON u kienu gew manifatturati u esportati minghajr l-awtorizzazzjoni ta’ Sony Ericsson Mobile Communications AB, u ghalhekk jikkontravvjenu d-drittijiet ta’ propjeta intelletwali ta’ Sony Ericsson Mobile Communications AB u r-rapport ta’ l-istess anness u mmarkat bhala Dok. “SG7”.

Illi r-rikorrenti *nomine* talab lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex jiddetjeni l-merkanzija suspettata gewwa Malta sabiex *a tenur* tal-**artikolu 7 tal-Kapitolu 414 tal-Ligijiet ta’ Malta** huwa jipprocedi civilment ghall-decizjoni dwar in-natura tal-merkanzija detenuta.

Illi din il-merkanzija inqabbdet mill-Port Hieles ta’ Malta u l-Kontrollur tad-Dwana jaf li l-kunsinjatarju tal-merkanzija huwa ‘To Order of Issue the Bank’ u n-*Notify Party* huwa ‘SARL. DAK IMP-EXP’ minn Boumerdes, Algerie, dan skond dak citat fil-polza ta’ taghbija numru SHZ1007576 (Dok. “SG 8”).

Illi, l-azzjonijiet tal-intimati jiksru d-disposizzjonijiet ta’ l-**artikolu 4 tal-Kap. 414 tal-Ligijiet ta’ Malta**, kif ukoll tal-**artikolu 10 (2) (b) tal-Att Dwar it-Trademarks (Kap 416)** u huma azzjonabbli b’applikazzjoni tad-disposizzjonijeit rilevanti tal-**artikoli 14-19** tal-istess **Kap. 416** u l-**artikoli 7** u **8** tal-istess **Kap. 414**.

Illi s-socjetajiet rikorrenti ghandhom kull interess li jippromwovu din l-azzjoni gudizzjarja sabiex jikkawtelaw u jenforzaw l-jeddijiet taghhom.

Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Illi ghalhekk l-istess socjetajiet rikorrenti talbu lis-socjeta` intimata tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:-

1. Tiddikjara li l-oggetti konsistenti f’ *mobile phone chargers* u *headsets* li fuqhom hemm il-kelma ‘NOKIA’; l-*camera cases* li fuqhom hemm il-kelma SONY; u l-*mobile phone chargers* li fuqhom hemm il-kelma ‘ERICSSON’ u li jinsabu prezentement taht l-awtorita` tal-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien issospenda r-rilaxx tal-*container* bin-numru HCIU 8023684 kontenenti l-imsemmija *accessoriji tal-mobiles u tal-cameras*, huma kontrafatti u jikkontravjenu d-drittijiet ta’ proprjeta intelletwali tas-socjeta` rikorrenti Nokia Corporation, fir-rigward tat-*trademarks* taghha ‘NOKIA’ moghtija n-numru ta’ registrazzjoni 33323 u 33324 (Dok “SG 1” u “SG 2”); tas-socjeta` rikorrenti Sony Corporation, fir-rigward tat-

*trademarks* taghha ‘SONY’ moghtija n-numru ta’ registrazzjoni CTM 005416243 (Dok SG3); u tas-socjeta` rikorrenti Sony Ericsson Mobile Communications AB, fir-rigward tat-*trademarks* taghha ‘ERICSSON’ liema dritt gie registrat l-ewwel darba fil 13 ta’ Jannar 2000 u moghti n-numru ta’ registrazzjoni 001459130 (Dok SG4 & SG5), u dan okkorrendo bin-nomina ta’ esperti nominati ghal dan il-fini.

2. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddisponi minn tali *accessoriji tal-mobiles u cameras* ‘l hinn mill-kanali tal-kummerc b’dak il-mod li jipprekludu xi hsara lis-socjetajiet rikorrenti, jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddistruggi dawk l-*accessoriji tal-mobiles u cameras* f’kull kaz minghajr ebda kumpens lil u a spejjez tal-intimati.

3. Tordna li l-intimati ghandhom ibatu l-ispejjez kollha konnessi mal-mizuri ordnati *ai termini* tat-tieni u t-tielet talbiet tas-socjetajiet rikorrenti, inkluzi dawk tat-trasport tal-imsemmija *accessoriji tal-mobiles u cameras* ghall-hazna f’Malta qabel id-distruzzjoni eventwali taghhom, tal-hazna stess, tat-*tallying* u tal-ispejjez kollha dovuti lill-Kontrollur tad-Dwana mill-bidu ta’ l-iproceduri, kif ukoll tat-trasport mil-lok tal-hazna ghal-lok eventwali ta’ distruzzjoni inkluz l-ispejjez kollha inkorsi ghad-distruzzjoni finali tal-istess *accessoriji tal-mobiles u cameras*.

Bl-ispejjez kontra l-intimati li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda (fol. 4) id-dokument esebiti u mmarkati bhala Dok. “SG 1” sa Dok. “SG 8” kif jidhru minn fol. 6 sa fol. 30 tal-process.

Rat id-digriet datat 14 ta’ Dicembru 2010 fejn gew nominati l-kuraturi deputati sabiex jidhru ghall-entita` intimata.

Rat li dan ir-rikors giet appuntat ghas-smigh ghas-seduta tas-10 ta’ Marzu 2011, b’dan illi l-Qorti ordnat lis-socjeta` attrici sabiex sa zmien tletin (30) gurnata minn dak inhar stess tipprezenta l-affidavits taghha u tax-xhieda minnha

ndikati, li jistghu jsiru bil-procedura tal-affidavit, bid-dokumenti kollha relattivi, bin-notifika lill-kontro-parti jew lid-difensuri tal-kontro-parti u b'riserva ta' kontro-ezami.

Rat in-nota tar-rikorrent Dr. Peter Fenech *nomine* datata 25 ta' Frar 2011 a fol. 87 tal-process li biha esebixxa erba' (4) dokumenti:- Dok "A" affidavit ta' Dr. Peter Fenech; Dok "B" affidavit ta' George Agius (fol 80); u Dok "C" u Dok "D" rapporti tas-socjetajiet rikorrenti.

Rat li r-risposta guramentata tal-kuraturi deputati datata 3 ta' Marzu 2011 (fol.85) fejn esponew:-

1. Illi f'dan l-istadju l-esponenti mhux edotti mill-fatti u ghalhekk jirriservaw li jipprezentaw risposta ulterjuri meta u jekk jirnexxilhom jikkomunikaw mal-intimati minnhom rapprezentanti u f'dan ir-rigward minn issa jitolbu lir-rikorrenti tipprovdilhom kull informazzjoni li jista' ghandha dwar kull mezz ta' komunikazzjoni mal-intimati, u dan jekk ghandha nformazzjoni ohra, *oltre* dik diga` provduta fir-rikors guramentat.

2. Salv jekk ikun il-kaz, eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-lista ta' xhieda tal-istess kuraturi a fol. 85 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fl-10 ta' Marzu 2011 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta' Marzu 2010.

Rat ix-xhieda kollha prodotta.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## **<u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>**

Illi mill-atti tal-kawza jirrizulta illi s-socjeta` rikorrenti Nokia Corporation hija l-proprjetarja tad-drittijiet registrati mal-Ufficcju tal-Proprjeta` Industrijali ta*'* Malta msejha 'NOKIA', liema drittijiet gew registrati f'Malta fit-tmintax (18) ta' Ottubru elfejn u wiehed (2001), u moghtija n-numru ta' registrazzjoni 33323 u 33324 (Dok "SG 1" u "SG 2"); u s-socjeta` rikorrenti Sony Corporation hija l-proprjetarja tad-drittijiet registrati bhala *Community Trademarks* u *Community Designs,* mal-*Office for Harmonization in the Internal Market* tal-Unjoni Ewropea: il-kelma 'SONY', liema dritt gie registrat fis-17 ta' Awwissu 2007 u moghti n-numru ta' registrazzjoni CTM 005416243 (Dok. "SG 3"); u kif ukoll is-socjeta` rikorrenti Sony Ericsson Mobile Communications AB hija l-proprjetarja tad-drittijiet registrati bhala *Community Trademarks* u *Community Designs,* mal-*Office for Harmonization in the Internal Market* tal-Unjoni Ewropea: l-kelma ERICSSON liema dritt gie registrat l-ewwel darba fit-13 ta' Jannar 2000 u moghti n-numru ta' registrazzjoni 001459130 (Dok "SG 4") mis-socjeta` estera Telefonaktiebolaget L M Ericsson u li awtorizzat lis-socjeta` attrici Sony Ericsson Mobile Communications AB sabiex tipprocedi kontra kull vjolazzjoni tad-dritt ta' proprjeta intelletwali skont l-affidavit datat 14 ta' Novembru 2006 u l-consent form datata 24 ta' Settembru 2009 (Dok. "SG 5").

Illi fit-23 ta' Awwissu 2010 r-rikorrenti *nomine* gie nfurmat mill-Kontrollur tad-Dwana illi waqt l-iskrutinji tieghu gewwa l-Port Hieles, Marsaxlokk, Malta, huwa kien issosspenda r-rilaxx tal-*container* bin-numru HCIU 8023684 li dahal gewwa l-Port Hieles fit-18 ta' Awwissu 2010 fuq il-vapur ex ER SEOUL liema *container* kien fih: (a) 7,250 accessorju tal-*mobiles* li kienu jinkludu *chargers* u *headsets* kollha bil-marka 'NOKIA' anke fuq l-istess ippakkeggjar tal-accessorji tal-*mobiles*; (b) 3,600 *camera cases* kollha bil-marka 'SONY'; u (c) 4,750 *mobile phone chargers* kollha bil-kelma ERICSSON (Dok. "SG6"), u li *prima facie* dehru lill-Kontrollur tad-Dwana li dawn jikkontravjenu dritt ta' proprjeta` intelletwali.

Illi fil-fatt jirrizulta li l-istess socjetajiet attrici huma proprjetarja tal-marki “NOKIA” “SONY” u “ERICSSON” kif jirrizulta mid-dokumenti esebiti mar-rikors guramentat u jirrizulta wkoll li l-oggetti imsemmija attwalment mizmuma mill-Kontrollur tad-Dwana huma kontraffatti kif jidher mill-esamijiet li saru fuq l-istess skond ir-rapporti esebiti bhala Dok. “C” u “D” u ikkonfermat mill-affidavit tal-attur nomine esebit bhala Dok. “A” u l-oggetti kienu destinati ghall ghand l-entita’ intimate u ghalhekk jirrizulta li l-allegazzjonijiet attrici gew ilkoll pruvati u fil-fatt ma huma bl-ebda mod kontradetti. Ghall din ir-raguni t-talbiet attrici qed jigu milqugha.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi fil-waqt li tichad ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati biss in kwantu l-istess huma nkonsistenti ma’ dak hawn deciz, **tilqa’ t-talbiet attrici biss fis-sens hawn deciz** b’dan illi:-

1. Tiddikjara li l-oggetti konsistenti f’ *mobile phone chargers* u *headsets* li fuqhom hemm il-kelma ‘NOKIA’; l-*camera cases* li fuqhom hemm il-kelma SONY; u l-*mobile phone chargers* li fuqhom hemm il-kelma ‘ERICSSON’ fuq indikati u li jinsabu prezentement taht l-awtorita` tal-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien issospenda r-rilaxx tal-*container* bin-numru HCIU 8023684 kontenenti l-imsemmija *accessoriji tal-mobiles u tal-cameras*, huma kontrafatti u jikkontravjenu d-drittijiet ta’ proprjeta intelletwali tas-socjeta` rikorrenti Nokia Corporation, fir-rigward tat-*trademarks* taghha ‘NOKIA’ moghtija n-numru ta’ registrazzjoni 33323 u 33324 (Dok “SG 1” u “SG 2”); tas-socjeta` rikorrenti Sony Corporation, fir-rigward tat-*trademarks* taghha ‘SONY’ moghtija n-numru ta’ registrazzjoni CTM 005416243 (Dok SG3); u tas-socjeta` rikorrenti Sony Ericsson Mobile Communications AB, fir-rigward tat-*trademarks* taghha ‘ERICSSON’ liema dritt gie registrat l-ewwel darba fit-13 ta’ Jannar 2000 u moghti n-numru ta’ registrazzjoni 001459130 (Dok. “SG4” & “SG5”).

2. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex fi zmien qasir u perentorju ta' disghin (90) gurnata mid-data ta' din is-sentenza jiddistruggi l-istess oggetti hawn indikati konsistenti inter alia f'*accessoriji tal-mobiles, camera cases u cameras* f'kull kaz minghajr ebda kumpens lil u a spejjez tal-entita' intimata.

3. Tordna li l-entita' intimata ghandha tbati l-ispejjez kollha konnessi mal-mizuri ordnati *ai termini* tat-tieni u t-tielet talbiet tas-socjetajiet rikorrenti, inkluzi dawk tat-trasport tal-imsemmija *accessoriji tal-mobiles u cameras* ghall-hazna f'Malta qabel id-distruzzjoni eventwali taghhom, tal-hazna stess, tat-*tallying* u tal-ispejjez kollha dovuti lill-Kontrollur tad-Dwana mill-bidu ta' l-iproceduri, kif ukoll tat-trasport mil-lok tal-hazna ghal-lok eventwali ta' distruzzjoni inkluz l-ispejjez kollha inkorsi ghad-distruzzjoni finali tal-istess *accessoriji tal-mobiles u cameras*.

Bl-ispejjez kontra l-entita'/socjeta' intimata b'dan li l-kuraturi deputati jithallsu skont il-ligi.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------